MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru. 409/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**KONTRA**

**SUSANNA ZAMMIT**
**JOSEPH DALMAS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Susanna Zammit ta’ 44 sena, bint Alfred u Mary nee’ Cassar, mwielda Tarxien nhar id- 29 ta’ Marzu 1966, residenti Sunshine, Triq il- Gizimin, Swieqi u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 159366(M);

U

Joseph Dalmas ta' 49 sena, bin Carmelo u Beatrice nee' O' Neil, mwieled Mosta nhar il- 21 ta' Settembru 1961, residenti 10, The Trams, Triq l- Istefanotis, San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 606561(M);

Li gew mressaq quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Susanna Zammit fil- kapacita' taghha ta' direttur tal- kumpanija Greenlines Environmental Services Ltd u lil Joseph Dalmas fil- kapacita' tieghu ta' Operations Manager talli fil- 31 ta' Awwissu 2008 ghal habta tal-5.30am f' Tas- Sliema b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew fil- professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga' gravi Ahmed Ibro Muliddin hekk kif iccertifika Dr. J. Joslin MD u dan ai termini tal- Artikoli 218, 226 (1)(a) tal- Kodici Krimiali tal-Kap 9;

2) Akkuzati wkoll talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi u fix- xhur ta' qabel, naqsu milli jharsu s- sahha u s-sigurta' tal- impjegati, kif ukoll tal- persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix- xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l- passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax- xoghol u dan ai termini tal- Artikoli 6 (1) (2) tal- att 27/2000 Kap 424;

3) Akkuzati wkoll talli fl- istess lok, hin u cirkostanzi, u fix- xhur ta' qabel, bhala persuni li jhaddmu, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu jew li jizguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal- perikli ghas- sahha u s- sigurta' kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il- post tax- xoghol u r- riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l- aspetti kollha tal- attivita' tax-xoghol. Dawn l- evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir- riskji ghas- sahha u s- sigurta' tal- haddiema u tal-

persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix- xoghol, inkluz dawk li jzuru l- post tax- xoghol, liema riskji jirrizultaw mix- xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit- tmexxija tal- impriza u dan ai termini tal- Artikolu 10 (1) tal- A.L.36/03;

4) Aktar tali fl- istess zminijiet, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' qabel, bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil- pussess taghhom kopja bil- miktub jew li tista' tinkiseb b' mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini tal- Artikolu 10 (2) tal- A.L. 36/03;

5) U aktar talli fil- kapacita' taghhom ta' persuni li jhaddmu jizguraw li kull taghmir protettiv personali jkun ihares id- disposizzjonijiet specifikat fi Skeda 2 tal- Ordni u jizguraw li fejn hemm il- prezenza ta' aktar minn riskju wiehed tehtieg li haddiem jilbes fl- istess hin aktar minn oggett wiehed ta' taghmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqsu wkoll li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' uzu ta' taghmir protettiv personali, b' mod partikolari ghal kemm hin ghandu jintlibes, skond il-bazi tas- serjeta' tar- riskju, il- frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost ghar- riskju, il- karatteristici tal- post tax- xoghol ta' kull haddiem u l- operazzjoni tat- taghmir protettiv personali u jizguraw ukoll li jekk ic- cirkostanzi jehtiegu li taghmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna wahda tiehu l- mizuri kollha xierqa sabiex jizguraw li dan l- uzu ma johloq ebda problema ta' sahha jew igjene ghall- utenti differenti. Naqsu li jizguraw li dan it- taghmir jinghata minghajr ebda hlas minn min ihaddem u jizguraw li dan it- taghmir jkun jiffunzjona tajjeb u jkun f' kundizzjoni igenika tajba permezz tal- manutenzjoni, it-tiswija u t- tibdil ta' bicciet mehtiega. Naqsu li jaraw li qabel haddiem juza taghmir protettiv personali javzawh dwar ir- riskji li t- taghmir ikun qed iharsu kontrihom. Naqsu wkoll li jizguraw li jigi kkonsulat ir- Rapprezentant ghas- Sahha u s- Sigurta' tal- Haddiema u dan ai termini tal- Artikoli 4,5,6,7,8,10 (1) (2), 11 u 17 tal- A.L 121/03;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in esami kienu s-segwenti. Ahmed Ibro Muliddin kien impjegat ma' Greenlines Environmental Services ltd, li taghha hi direttur l-imputata Suzanna Zammit, u l-Manager hu l-imputat l-iehor Joseph Dalmas. Muliddin kien impjegat bhala haddiem, u xogholu kien li jigbor l-iskart mit-toroq u jqieghed il-boroz tal-iskart fil-vann tal-kumpannija, biex dan jittiehed fil-lok appositu. Fil-31 ta' Awwissu 2008, ghall-habta tal-5.30am, Muliddin sofra incident serju meta inqatghu s-swaba' ta sieqU waqt li kien qieghed xoghol jigbor l-iskart flimkien ma' haddiem iehor ta' Greenlines, certu Mario Ebejer li kien qed isuq il-vann li fih kien qed jitghabba l-iskart. Wara investigazzjoni mill-Pulizija u mill-ufficjali tal-Awtorita', ittiehdu procedure penali kontra l-imputati u b'hekk inbdiet din il-kawza.

Mill-provi prodotti rrisulta li Muliddin kellu jibda xoghol fis-7.00am ta' dakinhar li wegga', izda ghal xi raguni hu beda aktar kmieni. Id-dinamika tal-incident, ghalkemm spjegata fix-xiehda tal-vitmma u tal-kollega tieghu, ghadha mhix cara ghall-Qorti. Qed jinghad li Muliddin kellu s-swaba ta' sieqU amputati meta' hu kien fil-kabina tal-vann misjuqa minn Mario Ebejer, meta habel li kien fl-istess kabina inqabad ma' wahda mir-roti tal-vann u beda jingibed u tghaqqad mar-rota, bil-konsegwenza li qabad ukoll ma' sieq Muliddin u qata' s-swaba ta' saqajh. Hemm bosta punti li baqghu bla kjarezza fuq dan l-incident, bhal kif seta' habel ta' hxuna konsiderevoli, allegatament imdendel barra l-vann, ma jinqarasx mill-bieba tal-istess vann – sakemm il-bieba ma baqghetx miftuha waqt li l-vann kien qed jinstaq. Madankollu, id-dinamika tal-incident m'huwiex daqstant importanti ghall-fini tal-

imputazzjonijiet ta’ dan il-kaz, ghalkemm jista’ jkun indikattiv ta’ kif kienu qed jahdmu Muliddin u Mario Ebejer

Li hu krucjali ghall-Qorti hu l-hin tal-incident. Huwa car li l-incident gara barra l-hin tax-xoghol, qabel ma’ kellhom jibdew jigbru l-iskart dakinhar. Kif irrisulta mill-provi, il-gurnata tax-xoghol kellha tibda fis-7.00am, izda Muliddin kien diga’ beda jahdem meta’ gara l-incident, fil-5.30am, meta kien ghadu dlam. Ghall-Qorti dan ifisser li Muliddin ma segwiex l-istruzzjonijiet moghtija lilu minn Greenlines, izda ghal xi raguni – forsi biex ihaffef il-gurnata tax-xoghol tieghu – hu beda tal-inqas siegha u nofs qabel, jekk mhux saghatejn, u meta kien ghadu dlam. Dan il-fatt wahdu jiskolpa lill-imputati ghal kollox. Il-Qorti ma tistax tifhem kif huma jistghu jkunu responsabbli tal-ghemil tal-impjegati taghhom barra mil-hin ordinarju tax-xoghol. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tirrisultax.

Fil-fehma tal-Qorti, l-anqas it-tieni imputazzjoni ma tirrisulta. Mill-provi ma rrisultax ghal liema nuqqasijiet kienet qed tirreferi l-Prosekuzzjoni, sakemm din l-istess imputazzjoni, kif fil-fatt hu, kienet marbuta mal-ewwel wahda. Mentri l-ewwel imputazzjoni inghatat taht l-Artikolu tal-ligi penali dwar offozi gravissimi involontarji, it-tieni imputazzjoni inghatat taht il-ligi specjali tas-sahha u sigurta’ fuq il-post tax-xoghol. Fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija fl-ewwel imputazzjoni, il-htija fit-tieni tkun konsegwenzjali. Fil-kaz ta’ liberazzjoni fl-ewwel, allura hija wkoll l-istess fit-tieni, u ghall-istess ragunijiet. Jekk l-incident gara barra l-hin tax-xoghol, ma jistax ikun hemm responsabbilta’ tal-imputati. Ghalhekk, jekk kien hemm nuqqasijiet fil-mod kif kien qed jahdem Muliddin, dawn huma attribwibbli ghalih u semmaj ghax-xufier tal-vann, Mario Ebejer, ghax dawn ma segwewx l-istruzzjonijiet moghtija lilhom, fl-ewwel lok billi ma bdewx fil-hin li kellhom jahdmu.

Nigu issa ghall-hames imputazzjoni, dik tal-hwejjeg protettiv nieqsa lill-vittma tal-incident. Fix-xiehda tieghu Muliddin jistqarr li hu ma kienx inghata zarbun protettiv biex jilbsu meta’ jkun qed jahdem. Din l-imputazzjoni, izda, ma tirrisultax ippruvata ghall-Qorti. Fl-ewwel lok, l-imputati xehedu t-tnejn u qalu li hu kien inghata “safety

shoes”, u dawn kienu ghadhom fil-“locker” tieghu fil-post tax-xoghol, fl-ufficcju tal-Greenlines, li huma kienu jsejhu l-bitha. Dan huwa aktar plawsibbli ghall-Qorti, u huwa sostanzjat mill-fatt li Muliddin beda xoghol kmieni fil-ghodu, qabel ma mar fl-ufficcju tal-Greenlines jilbes iz-zarbun protettiv. Ghalhekk, fl-ipotesi li hu kien inghata z-zarbun, ma setax libsu dakinhar, ghax hu ma marx fil-bitha biex igib dan iz-zarbun, izda beda xoghol ghall-habta tal-5.00am. Ghalhekk jirrizulta li ma kienx liebes iz-zarbun protettiv, mhux ghax ma kienx inghata lilu, izda ghax ma marx jilbsu filghodu qabel ma beda xoghol. Din l-imputazzjoni, ghal dawn ir-ragunijiet, ma tirrisultax ippruvata, u l-imputati ser jigu lliberati minnha ukoll.

L-unici zewg imputazzjonijiet li jirrisultaw ppruvati huma t-tielet u r-raba’, li t-tnejn huma relatati mar-“risk assessment” li kellu jsir fuq l-operat tax-xoghol ta’ Greenlines. Huwa manifest li dan ma sarx, u ghalhekk ser tinghata multa liz-zewg imputati ghal dan in-nuqqas.

In konkluzjoni, il-Qorti tirribadixxi li dan kien incident sfortunat, izda bid-dovut rispett kien attribwibbli unikament ghall-istess vittma tieghu. Il-Qorti tissimpatizza ma’ kull vittma ta’ incident tax-xoghol, izda tissollecita lill-istess haddiema biex ma jabbuzawx u ma jiehdux riskji zejda biex ihaffu u jlestu l-gurnata aktar kmieni. Dan it-tip ta’ traskuragni solitament iwassal ghal incident, izda meta tali traskuragni tkun gejja mill-impjegat stess, huwa ftit odjuz li tigi addossata r-responsabbilta’ lis-sid tax-xoghol u mhux lill-impjegat stess. Il-Qorti tifhem li f’dan il-kaz, jista’ jkun li Muliddin seta’ gie influwenzat minn haddiehor biex jiehu “shortcuts” fil-harsien tas-sahha tieghu, izda l-Qorti ma sabet ebda htija fl-imputati ghal dan, hlief ghan-nuqqas ta’ zamma ta’ “risk assessment” kif gia’ inghad hawn fuq.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 218, 226(1) (a) tal- Kapitolu 9, 6 (1) (2) tal- Att 27/2000 tal- Kapitolu 424, 10 (1) tal- A.L. 36/03,

10 (2) tal- A.L. 36/03, 4, 5, 6, 7, 8, 10 (1) (2), 11 u 17 tal- A.L 121/03 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja tat- tielet (3) u r-raba (4) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannahom multa ta’ elf ewro (€1,000) kull wiehed.
Ma ssibx lill- imputati hatja tal- ewwel (1), it- tieni (2) u l-hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberahom.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------